MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 105/8 (Laqgħa B'Urġenza)

**Il-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
Marija Micallef – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

105.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

105.2 Sitwazzjoni tal-Binja tal-Kunsill u x-xiri ta' propjetà ġdida;

105.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u għaxra ta' filgħaxija (5:10pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 105.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 105.2 Sitwazzjoni tal-Binja tal-Kunsill u x-xiri ta' propjetà ġdida;

Is-Sindku spjegat lil dawk preżenti dwar is-sitwazzjoni tal-binja tal-Kunsill. Is-Sindku qalet li bħalissa hemm kawża bejn is-sidien u l-pulizija. Il-Kunsill kellhu laqgħa mall-pulizija u huma għarrfu lill-Kunsill li m'għandhomx l-intenżjoni li jżommu l-binja/l-għassa u għalhekk huma ser ikunu qed jċedu l-kawża. Is-Sindku żiedet tgħid li hija flimkien mas-Segregtarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma' DG tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din is-sitwazzjoni. Is-Sindku kompliet tgħid li huwa maħsub li fit-23 ta' Jannar 2024, l-pulizija ser jħaħħlu nota ta' aċċessjoni. Tkun f'idejn il-qorti meta l-binja tiġi vakanti.

Is-Sindku żiedet tgħid li l-Kunsill beda jara x'inhuma soluzzjonijiet biex il-Kunsill jara kif ser jopera f'din is-sitwazzjoni. Fl-aħħar jiem il-Kunsill kellu wkoll l-opportunita li nitkellmu mas-Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali u ddiskutejna sitwazzjoni tal-Kunsill. Ġejna gwidati biex bħala Kunsill jieħu deċiżjoni ta' x'jixtieq jagħmel. Is-Segretarju Parlamentari nfurmat lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali jista' jgħin finanzjarjament fl-ispiża tal-kera jew fejn ikun hemm bżonn. Is-Sindku żiedet tgħid li l-Kunsill iċċekja anke fuq il-propjeta' li qiegħed jopera bħalissa l-Kunsill, fejn talba għax-xiri hija waħda konsiderevoli. Il-Kunsill qed ra wkoll li jikri post alternattiv biex jopera temporanjament, fejn il-Kunsill ra żewġ postijiet fejn jista' jikri, wieħed bit-20Eur fix-xahar u ieħor b'40Eur fix-xahar. Is-Sindku qalet ukoll li l-Kunsill ra propojeta għall-bejgħ fejn is-sidien huma wkoll interessati li jikru għall-bidu. Biex il-Kunsill ikun jista' jinvesti f'din il-propjeta', l-Kunsill irid jieħu loan, fejn f'Mejju li għadha l-Kunsill kien diġà tkellem mall-bank u l-bank ikkonferma li l-Kunsill jista' jidħol għal dan il-committment. Is-Sindku kompliet billi qalet li l-Kunsill jista' jmur għal direct order ħabba sitwazzjoni li jinsab fiha l-Kunsill. Din id-direct order trid tiġi approvata mill-Ministeru tal-Finanzi.

Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill għandu jieħu deiċizjoni ta' x'ser ikun il-pass li ser jieħu l-Kunsill.

Il-Kunsillier S Caruana qal li l-Kunsill għandi jimxi skond il-liġijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-proċess ta' xiri u propona biex il-Kunsill joħroġ espressjoni ta' interess għal binja tal-Kunsill. Din tinħareġ f'qasir żmien sabiex il-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar biex jiddeċiedi. Is-Sur Caruana qal ukoll li l-Kunsill għandu jkollu bil-miktub mingħand id-DG tal-Gvern Lokali fejn jgħarraf lill-Kunsill li jista' jipproċedi b'direct order għax hemm ammont ta' flus sostanzjali involut biex tinxtara l-propjeta'.

Is-Sindku qalet li DG kien diġà spjega li l-Kunsill irid jagħmel l-argumenti tiegħu u b'saħħithom biex ikun jista' japplika għal direct order li din trid tiġi approvata. Żiedet tgħid li għal dan id-diskors kien preżenti kulħadd u m'hemm xejn li l-Kunsill ser imur kontra dak li titlob il-liġi.

Is-Sur Caruana baqa' jsostni li dak li qal id-DG għandu jintbagħat bil-miktub lill-Kunsill Lokali.

Is-Sindku talbet sabiex jittieħed vot, fejn kien hemm tnejn favur u tnejn kontra u s-Sindku għamet użu mill-casting vote, fejn ġew tlieta favur u tnejn kontra. Is-Sindku żiedet tgħid li ser tkun qed tkellem lid-Direttur Ġenerali biex jibgħat bil-miktub dwar id-direct order.

**105.3 Tmiem tal-Laqgha**

Il-Laqgħa ntemmet fis-sitta ta' filgħaxija (6:00pm).

Konfermati, illum it-Tlieta 30 ta' Jannar 2024

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv